Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Appell Civili - Ghawdex Numru. 5/2012/2

**John u Salvina konjugi Pace**

**Vs**

**Brian Azzopardi**

Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Settembru 2013 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar:-

i. Ikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Ewro1,455.41 appogg wara li ghamel uzu mill-hitan proprjeta tal-atturi formanti parti mill-binja taghhom fi Triq il-Frilla, Ghajnsielem.
ii. Cahad ir-rikonvenzjoni tal-konvenut li biha talab il-hlas ta' Ewro1,508.76 rapprezentanti spejjez zejda li qal li ghamel meta bena l-art tieghu b'konsegwenza ta' qtugh ta' blat li sar mill-atturi, u dan skond skrittura fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani tat-12 ta' Novembru 1995.

Fis-7 ta’ Frar 2012 l-atturi ipprezentaw avviz fejn talbu l-hlas ta’ Ewro1,455.41 flimkien mat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, imghax u spejjez tal-kawza, bhala hlas ta’ appogg:

*“.... wara li inti appoggajt u ghamilt uzu mill-hitan proprjeta tar-rikorrenti formanti parti mill-binja taghhom fi Triq il-Firilla, Ghajnsielem. Dan l-appogg u uzu sar minnek stess fil-kors tal-izvilupp tas-sit li illum huwa tieghek u li jigi ezattament adjacenti ghall-proprjeta’ tar-rikorrenti fl-istess Triq il-Firilla, Ghajnsielem.”*.

Il-konvenut oppona t-talba billi qal li x-xoghol ghamlu fi hwejgu u li r-relazzjoni bejn il-partijiet hi regolata minn kuntratt tat-12 ta’ Novembru 1995. Il-konvenut ippropona wkoll rikonvenzjoni ghall-hlas ta’ Ewro1,508.86 u Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, spejjez zejda li ghamel meta zviluppa l-art tieghu b’konsegwenza tal-qtugh ta’ blat li ghamlu l-atturi.

L-atturi oggezzjonaw ghar-rikonvenzjoni u jsostnu li ebda hlas mhu dovut lill-konvenut. Qalu li l-ispejjez li qal li ghamel il-konvenut saru ghal beneficcju tieghu fil-proprjeta tieghu, u mhux ghaliex ix-xogholijiet kienu mehtiega minhabba dak li ghamlu l-atturi fil-proprjeta’ taghhom.

Azzopardi appella mis-sentenza. L-aggravji huma li:-

1. It-Tribunal ma qiesx il-principji legali relatati ma’ dan il-kaz;
2. It-Tribunal ma qiesx l-iskrittura li kienet saret bejn il-partijiet fil-presenza tal-perit Emanuel Vella u tranzuntata fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani;
3. Hu ma ghamilx uzu minn hajt tal-appellati izda minn hajt tieghu. Hajt li kien mibni fil-proprjeta’ tieghu. Pace stess iddikjara li l-hajt inbena fil-proprjeta’ ta’ Azzopardi. Ghalhekk it-Tribunal qatt ma seta jikkundanna lil Azzopardi jhallas ghall-appogg peress li ma sar l-ebda appogg;
4. Il-hajt li dwaru l-appellati talbu l-hlas kellu jsir ghas-spejjez taghhom. Hekk jinghad fil-kuntratt;

5. L-ispejjez zejda li ghamel fil-proprjeta' hu regolat mill-iskrittura. Hemm ness bejn l-ispejjez zejda u l-qtugh ta' blat li ghamel Pace. L-appellant kellu jiskava iktar blat peress li l-qatran fil-hajt li kienu bnew l-appellati kien f'livell iktar baxx minn dak li ried jasal ghalih l-appellant;

Pace wiegbu u qalu li ma kienx hemm bazi ghalfejn is-sentenza tat-Tribunal ghandha tithassar.

F'kuntratt tat-12 ta' Novembru 1995 pubblikat min-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 13) li li gie ffirmat bejn l-appellati Pace u l-genituri tal-appellant, kien gie ddikjarat li:-

- Il-konjugi Azzopardi huma proprjetarji tal-plot numru 37, Ta' Kassja, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex b'kejl ta' 187 metri kwadri;
- Il-konjugi Pace huma s-sidien tal-plot numru 38, Ta' Kassja, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex b'kejl ta' 187 metri kwadri;
- Pace ser jiskavaw u jizviluppaw l-art taghhom u sabiex jevitaw kwistjonijiet fil-futur ftehemu li kellhom japplikaw il-kundizzjonijiet pattwiti fi skrittura datata 17 ta' Novembru 1995 u annessa mal-kuntratt, fejn jinghad:-

*"1) John Pace se jaqta' l-blat fi Plot 37, proprjeta ta' Carmel Azzopardi, sabiex ikun jista' jibni l-hajt divizorju. Dan ser jinbena kollu fil-proprjeta' ta' Pace.*
*2) Pace ikun obbligat li jtella a spejjez tieghu, hajt fil-proprjeta ta' Azzopardi, sal-livell tal-blat ta' Plot 37, biex meta Azzopardi jigri biex jibni plot tieghu, hu jkun jista' jibni fuqu.*
*3) Barra minn dan, Pace jibqa' responsabbli ghal kwalunkwe spejjez zejda li jkun kostrett li jaghmel Azzopardi, meta jigi biex jizviluppa l-plot tieghu, konsegwenza tal-qtugh tal-bla li jkun qata' Pace."*.
Wara li l-qorti rat l-atti, taghmel dawn l-osserevazzjonijiet:-

1. L-appellati jippretendu spejjez ghall-hajt li bnew fl-art li qabel kienet tal-genituri tal-appellat[1]. Fil-fehma tal-qorti l-ebda hlas mhu dovut mill-appellant meta tqies li:-

(a) Il-hajt li ghamel uzu minnu kien diga' mibni kollu fil-proprjeta' tieghu. Hajt li nbena mill-appellati fil-proprjeta' li qabel kienet tal-konjugi Azzopardi (il-genituri tal-appellanti) fit-termini tal-kuntratt fuq imsemmi;
(b) Il-proprjeta' tal-hajt kienet tas-sid fejn inbena l-hajt, cjoe' l-konjugi Azzopardi. Il-pretensjoni tal-appellati hi ghall-hlas ta' appogg. F'dan il-kaz ma sehh l-ebda appogg ghaliex kull ma sar kien li l-appellant bena fuq hajt li sab fl-art li akkwista minghand il-genituri tieghu. L-appogg kien isehh li kieku l-appellant qabbad mal-hajt divizorju li bnew l-appellati Pace fil-proprjeta taghhom. Fl-Artikolu 418(1) tal-Kodici Civili jinghad li *"Kull sid jista' wkoll jaghmel komuni, kollu jew bicca minnu, hajt li jmiss mal-fond tieghu....."*. F'dan il-kaz l-appellant ma ghamilx komuni l-hajt li l-appellati Pace bnew fl-art taghhom. L-appellant ghamel uzu mill-hajt li sab fil-proprjeta tieghu, u li kien inbena minn Pace skond l-obbligazzjoni li assumew fil-kuntratt fuq imsemmi.
(c) Ghalkemm il-kuntratt tat-12 ta' Novembru 1995 sar bejn il-konjugi Pace u l-konjugi Azzopardi u l-appellanti ma kienx parti ghalih, jibqa' fatt li f'dak il-ftehim jinghad car u tond li *"Pace ikun obbligat li jtella'* ***a spejjez tieghu****, hajt fil-proprjeta ta' Azzopardi, sal-livell tal-blat ta' Plot 37......."*. Hu evidenti li bis-sahha tal-kuntratt il-partijiet kienu ftehemu li Pace ma jzommx id-distanza legali kontemplata mil-ligi. B'dan li fil-proprjeta' ta' Azzopardi Pace kellhom jibnu, **ghas-spejjez taghhom**, hajt ***"sal-livell tal-blat"***. Mela m'hemmx dubju li l-hajt kellu jinbena ghas-spejjez tal-appellati Pace. Li kieku kien hemm xi intenzjoni li l-appellati Pace jithallsu tal-ispejjez li ghamlu biex inbena l-hajt fil-proprjeta tal-konjugi Azzopardi, ma kienx jinghad li ser jibnu l-hajt ghas-spejjez taghhom. Hajt li fil-fatt bnew u li mill-provi l-qorti fehemet li nbena fiz-zmien li l-konjugi Azzopardi kienu ghadhom sidien tal-plot numru 38. Mela l-materja nghalqet hekk kif inbena l-hajt

---

[1] L-appellat Pace xehed: *"Nixtieq nippreciza li t-talba tieghi hi limitata ghal dak il-hajt li jien kont bnejt mil-livell tal-blat l-isfel. X'sar minn dak il-livell 'l fuq minn Azzopardi jien ma jinteressaniex."* (fol. 34).

fil-proprjeta tal-konjugi Azzopardi. Issa l-appellati ma jistghux jippretendu hlas minghand it-terz, cjoe' l-appellanti, ghas-semplici fatt li dahal haddiehor fix-xena. Meta bnew il-hajt ghas-spejjez taghhom kienu sempliciment qeghdin iwettqu obbligazzjoni li dahlu volontarjament ghaliha, u 'l fatt li wara l-art giet akkwistata minn terza persuna (l-appellant) ma jatix lill-appellati Pace xi drittijiet godda.

2. Fir-rigward tar-rikonvenzjoni, il-qorti hi tal-fehma li:

(a) L-appellanti ma jistax jinvoka l-kuntratt fir-rigward ta' spejjez li qieghed ighid li kellu jaghmel biex jizviluppa l-proprjeta tieghu kif ried hu. Hu ma kienx parti ghal dak il-kuntratt. Ghalhekk in kwantu l-pretensjoni tieghu hi bazata fuq klawzola li hemm fil-kuntratt tas-17 ta' Novembru 1995, ma tistax tirnexxi. Inoltre mill-kuntratt hu evidenti li l-konjugi Azzopardi ffirmaw il-kuntratt fl-interess personali taghhom u mhux ta' xi terzi, huma min huma.

(b) F'kull kaz fir-rikors tal-appell Azzopardi qal li l-ispejjez zejda kellu jaghmilhom ghaliex *".... kellu jiskava ulterjorment peress li l-qatran fil-hajt li kienu bnew l-appellati kien f'livell (iktar) baxx minn dak li xtaq li jasal ghalih l-appellant"* . Il-qorti m'ghandix ghalfejn tiddubita li l-hajt li nbena fil-proprjeta' ta' Azzopardi kien skond kif ftehemu l-partijiet li ffirmaw il-kuntratt. Fl-atti m'hemm l-ebda prova li matul is-snin kien hemm xi oggezzjoni mill-konjugi Azzopardi ghal mod kif l-appellati Pace kienu bnew il-hajt. M'ghandux ikun li ghaliex l-akkwirent il-gdid (l-appellant) ghogbu li jizviluppa l-proprjeta li akkwista minghand il-genituri tieghu bil-mod li xtaq hu, jipprova jaghmel kapital mill-ftehim li ghamlu l-genituri tieghu ma' Pace u jinterpretah bil-mod li jaqbel lilu.

Ghalhekk it-Tribunal ghamel sew meta cahad ir-rikonvenzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sens li thassar dik il-parti fejn laqghet it-talba tal-konjugi Pace u kkundannat lil Azzopardi jhallashom is-somma ta' Ewro1,455.41, flimkien mat-Taxxa Fuq il-**

**Valur Mizjud u imghax, u tichad it-talba tal-appellati Pace.**
**2. Tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar f'dik il-parti fejn cahdet ir-rikonvenzjoni, u tichad l-appell ta' Azzopardi in kwantu dan jirreferi ghar-rikonvenzjoni.**

**Spejjez relatati mat-talba huma a karigu tal-appellati Pace filwaqt li spejjez relatati mar-rikonvenzjoni huma a karigu tal-appellanti Azzopardi. Spejjez tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------